**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 22 – L-ERBGĦA, 9 TA' FRAR 2011 FIT-8.15PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Ġie deċiż li pagament numru 13 jitnaqqaslu 10% minħabba li x-xogħol ma kienx ta' livell mixtieq, u anke f'każijiet ħazin ħafna.

Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva *acknowledgement* mill-Awtorità tad-Djar rigward l-applikazzjoni li l-kunsill għamel rigward l-iskema "Nsaħħu l-Komunità – Riġenerazzjoni f'osqma tal-binjiet tal-Gvern". Id-deċiżjoni għandha tittieħed sal-aħħar tax-xahar ta' Frar.

3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proġett tal-*Future Focus* biex 10 studenti jittellgħu Sweden hemm ħlas ta' 1000 Euro . Ġie deċiż li ma napplikawx għal dan il-proġett.

3.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Banek tal-HSBC u l-APS irrisspondew fin-negativ għat-talba tal-kunsill biex ikun hawn servizz ta' ATM fl-iMtarfa.

3.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċevejna ittra ta' ringrazzjament mill-Ko-ordinatur tal-Istrina għas-somma ta' 29.11 Ewro mill-*Piggy Bank* li kien il-kunsill.

3.5 Ġie deċiż li għar-raġunijiet finanzjari, il-Ħolqa tinħareġ darbtejn biss minflok erba' darbiet din is-sena.

3.6 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm spiża ta' 2,000 Ewro bħala *membership fee*, fil-Majjistral *Action Group*.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie deċiż li jintalab appuntament mal-Kumitat tar-*Rabat Ajax* minħabba s-sitwazzjoni tal-parkeġġ ħdejn il-*ground* tagħhom meta jkun hemm il-logħob. Dan wara diversi ilmenti mingħand ir-residenti ta' Binja Buqana li f'kaz ta' emergenża is-servizzi ma jkunx jistagħu jitħlu.

4.2 Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' appell rigward ir-risposta negattiva għat-talba ta' *Juntion Box* fi Triq San Oswald.

4.3 Ġie deċiż li ssir lagħqa mal-Kumitati tal-Binja Qlejgħa. Gie deċiż li jssir xogħol ta' tisbiħ mill-Kunsill fil-madwar ta' din il-blokka.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Green Warden* se jerġa' jkun qed jagħmel ronda madwar l-iMtarfa. Għandna ninfurmaw lin-nies li hemm pieni ħorox għal min jinqabad iħammeġ.

4.5 Il-*Boundary Sign* fit-triq li tagħti mill-iMtarfa għar-Rabat hemm il-bżonn li tiġi rranġata.

4.6 Ġie deċiż li titkompla l-*website* wara li jiġi approvat l-baġit

4.7 Gie deċiż li tiċċaqlaq *is-sleeping policeman* li hemm fi Triq l-Imtarfa li jinsab quddiem San Paio minħabba li qed iżomm l-ilma tax-xita.

## 5 Aġġornamenti u xogħlijiet

5.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Sar xogħol ta' *patching* madwar il-lokal, spralli, qtugħ ta' ħaxix ħazin, tabelli ġodda, u zegħba tat-toroq. Hemm bżonn li jsir sprall ġdid ħdejn id-dar tal-anzjani minħabba li nsterqet u hemm bżonn li jitħawlu siġar ġodda fejn insterqu.

5,2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Fi Ġnien is-Sinjura hemm bżonn xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet, hemm lampa numru 7 għandha bżonn manutenzjoni, u għandha tintbagħat ittra oħra lill-WSC rigward *leak* tal-ilma quddiem no 69 fi Triq Pullicino. Ġie deċiż li ssir talba lit-TCTC rigward każ *sponsor* ta' kors għal persuna bi bżonnijiet speċjali. Ġie deċiż li tingħalaq ir-rampa li hemm fi Triq Alessi. Ġie deċiż ukoll li ssir "Stop Sign" fi Triq Alessi kantuniera ma' Triq Vincenzo Bonello. Fis-16 ta' Marzu se ssir lagħqa tal-Cabin Crew fil-*Boardroom* tal Kunsill.

5.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal-kunsill :

L-Informazzjoni rigward l-attività' f'Jum il-Mara li qegħda torganizza. L-unika spejjeż li jista' jkun hemm huma dawk biss relatati mat-trasport.

5.4 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn li l-ispralli li hemm fi Triq Prosperina jiġu magħluqa, hemm bżonn *double yellow lines* fi Triq Leslie Rundle kantuniera ma' Triq 27 ta' April, hemm bżonn li tinżabar siġra fi Triq 27 ta' April. Talab ukoll total tal-ispejjeż konnessi mal-Milied, li ammontaw ċirka 7000 Ewro, u l-qagħda finanzjarja tal-kunsill. Il-kotba 2010 għadhom mhux magħluqa imma jidher li hemm *deficit* ta' 7000 ewro. Il-*Military Mtarfa* ma jistax ikollha baġit ta' 17,000 Ewro kif ġie deċiż, talab li ma jintefaqx aktar mill-*grant* tal-Gvern. Hemm bżonn li jintbagħtu ittri ta' *reminder* lil-TM rigward l-ilma li jinġabar quddiem Triq il-Ħarruba, Triq l-iMtarfa, u it-toroq li jagħtu għal Mtarfa bypass in-naħa Ta' Slampa. Talab li tingħalaq il-fetħa li tagħti għal Triq l-Orkidea. Ġie stabbiliet li dan mhux possibli minħabba deċiżjoni tal-MEPA

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fil-10.45. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir fis-9 ta' Marzu 2011 fit-8.15pm

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**